*Disprezz - Art 1003A tal-Kap 12.*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April 2019**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Guramentat Numru : 308/2018/1 LSO**

**Fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament bin-numru: 308/2018 u wara c-cedola ta' depozitu bin-numru: 1320/2018 fl-ismijiet:**

**Sandro Chetcuti (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 325771 (M)) u Michael Xuereb (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 278165 (M))**

**vs**

**Catherine Borg (detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 0290333 (M)) u Carmel maghruf bhala Charles Borg (detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 0076458 (M))**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta’ Sandro Chetcuti u Michael Xuereb datat 29 ta’ Ottubru 2018 fejn esponew :-

Illi nhar il-11 ta' Lulju 2018 saret l-ezekuzzjoni ordnata minn dina l-Onorabbli Qorti fuq talba ta' l-esponenti tal-mandat ta' zgumbrament odjern u kif jidher mir-referta relattiva u anke mic-cedola ta' depozitu illi saret in segwitu ghall-ezekuzzjoni mill-ufficjal ezekuttiv ta' dina l-Onorabbli Qorti, inbidlu zewg katnazzi u gew depozitati sitt icwievet taht l-awtorita` ta' dina l-Onorabbli Qorti;

Illi l-esponenti bhala proprjetarji legittimi tal-fond kif indikat fir-rikors ghall-hrug ta' dan il-mandat ta' zgumbrament u illi fuq talba taghhom inhareg u saret l-ezekuzzjoni ta' l-istess, talbu illi jizbankaw tali cwievet u dana sabiex jiehdu

pussess effettiv ta' l-istess fond illi huwa hwejjighom u dina l-Onorabbli Qorti laqghat it-talba hekk maghmula minnhom;

Illi purtroppo nhar it-22 ta' Ottubru 2018, l-esponenti Michael Xuereb mar fuq il-post u sab illi l-intimat Carmel maghruf bhala Charles Borg zgassa wiehed mill-katnazzi illi kienu saru mill-ufficjali ezekuttivi ta' dina l-Onorabbli Qorti, fetah il-garaxx li kien gie msakkar b'tali katnazz u kien qieghed prezenti hemmhekk jaghmel xi xoghol fuq il-vetturi tieghu;

Illi dana kollu qieghed jigi ikkonfermat bil-gurament mill-esponenti Michael Xuereb li gibed ritratt, hawn anness u immarkat bhala "Dokument MX”, fejn jidher l-intimat ta' l-imsemmi intimat Carmel maghruf bhala Charles Borg, il-garaxx in kwistjoni miftuh u karozza ta' l-istess intimat ipparkjata quddiem l-istess garaxx;

Illi dana kollu jikkostitwixxi ksur lampanti ta' l-ordnijiet moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti u ta' l-ezekuzzjoni illi ghamlu l-ufficjali ezekuttivi taghha u kwindi oltragg u disprezz lejn l-awtorita` ta' dina l-Onorabbli Qorti;

Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti umilment jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* ta’ l-artikolu 1003A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali jibda proceduri ghal disprezz kontra l-imsemmi intimat Carmel maghruf bhala Charles Borg u dana taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa u opportuni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta’ Novembru 2018.

Rat ir-risposta ta' Catherine Borg et datata 10 ta’ Deicembru 2018 (fol 10) fejn esponew :

Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti kienu accettaw li jhallsu ssomma ta' tletin elf ewro (€30,000) sabiex l-esponenti jizbombraw mill-fond in kwistjoni liema pagament ma sarx u sar biss is-somma ta' hamest elef ewro;

Illi *di piu`* Catherine Borg hija mara anzjana u jekk wiehed jara n-numru tal-karta tal-identita` taghha 0290333 ghandha mal-hamsa u tmenin (85) sens u zgur li ma tmurx tisgassa u tahdem f'xi vetturi u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-proceduri u tal-gudizzju apparti l-fatt li fir-rikors promotur ma tissemma xejn.

Illi mir-ritratti li gew ezebiti ma jirrizulta ebda zgass u l-anqas persuna li dahal fl-allegat fond. Lanqas ma jirrizulta illi l-esponenti qieghed fir-ritratt u qieghed jichad li sgassa u dahal fil-fond.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitolbu li dan ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispjjes kontra r-rikorrenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma nkluz dak tal-Hamis, 11 ta' April 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-atturi assistiti minn Dr William Cuschieri. Deher il-konvenut assistit

minn Dr Martin Fenech. Dr. Cuschieri prezenta nota b'dokument, u ddikjara li ghalaq il-provi. Xehed bil-gurament tieghu Carmel Borg, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Fenech iddikjara li m'ghandux aktar provi, salv ghall-prezentazzjoni tal-iskrittura privata bejn il-partijiet. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza qed tigi differita ghal digriet ghat-30 ta' April 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tipprocedi kontra l-intimat Carmel maghruf bhala Charles Borg fit-termini tal-**artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, billi allegatament l-intimati kisru l-ordni moghtija minn din l-istess Qorti permezz tal-hrug ta' Mandat ta' zgumbrament Numru 308/2018, wara cedola ta' depozitu bin-numru 1320/2018.

L-intimati laqghu ghall-addebitu billi sostnew, li Catherine Borg ghandha 85 sena u zgur mhux ser tmur tisgasssa jew tahdem f'xi vetturi, u mir-ritratti esebiti ma jirrizultax sgass kif ukoll l-istess Carmel Borg cahad li kien ghamel xi sgass.

**Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti**. Illi permezz tal-Mandat ta' zgumbrament Numru 308/2018, mahrug fl-istess ismijiet, li gie esegwit fil-11 ta' Lulju 2018, kif jidher mir-riferta u mic-

cedola ta' depozitu Numru 1320/2018 (fol 36), inbidlu zewg katnazzi u gew depozitati sitt icwievet taht l-awtorita` ta' din il-Qorti. In segwitu, meta Michael Xuereb acceda fuq is-sit in kwistjoni, sab sgass tal-katnazz u meta fetah il-garaxx ra li Charles Borg kien prezenti . Illi gie esebit ir-ritratt Dok MX1, fejn jidher il-garaxx in kwistjoni miftuh u l-vettura tal-intimat ipparkjata quddiem l-istess garaxx. Ghalhekk, ir-rikorrenti pprocedew bir-rikors in ezami.

**Provi:**

**Joyce Agius**, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qorti, xehdet, (fol 22)[1] u esebiet Dok JA1, kopja legali tas-sentenza moghtija mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech datata 19 ta' Frar 2019 Pulizija vs Carmelo Borg.

**PC 1029 Mark Grech** xehed (fol 23-24)[2] u esebixxa Dok MG1, kopja ta' rapport li sar minn Sandro Chetcuti fil-konfront ta' Carmelo Borg fis-27 ta' Novembru 2018.

**PC 766 Jeremy Agius** xehed (fol 24)[3] qal li hu fil-11 ta' Gunju 2018 kellu jkun prezenti ghall-izgumbrament tal-mithna fil-bypass ta' Birkirkara. Qal li kien hemm prezenti l-avukat u l-Marixxxali, u ra l-Marixxali ibiddlu l-katnazzi. Muri r-ritratt esebit mar-rikors promotur, ikkonferma li l-katnazz ta' dak il-garaxx kien gie mibdul. Dwar oggetti gewwa dak il-garaxx, qal li kien sar diskors u Charles Borg kien qal li se jbattal dawk l-oggetti fi zmien hmistax-il jum. Qal li dakinhar

[1] Seduta tas-7 ta' Marzu 2019.
[2] Seduta tas-7 ta' Marzu 2019.
[3] Seduta tas-7 ta' Marzu 2019.

kien gibed lill-Charles Borg u wara li beda jparla zejjed, qallu: "jekk ser tibqa' sejjer hekk ser tigi kontrik".

**Sandro Chetcuti** xehed (fol 25-27)[4] u qal, li meta giet f'idhom il-proprjeta` in kwistjoni lahqu ftehim mal-inkwilini u tawhom cans sentejn biex jizgumraw mill-fond, kienu saru diversi laqghat ghand l-avukat Dr. Martin Fenech, l-avukat tal-intimati, u meta gew ghall-pussess tac-cavetta Catherine Borg kienet ikkoperat izda Charles Borg kien beda jghid li ma riedx johrog mill-proprjeta`, u beda jallega li l-proprjeta` ma kintix kollha taghhom, u ma riedx johrog mill-bini li hemm fejn hemm il-mithna. Spjega li kien prezenti ghall-izgombru, u nbidlu c-cwievet, u suppost Charles Borg kellu jsaqsi lilu ghac-cwievet sabiex johrog l-ghodda li kellu fi hmistax-il jum. Qal li wara l-11 ta' Lulju 2016, kien gabar ic-cwievet mill-Qorti. Sussegwentement, qal, li qatt ma talbu permess biex jidhol jew talbu c-cwievet, u kemm-il darba jara l-bieb miftuh tal-garaxx in kwistjoni. Qal li Charles Borg kemm-il darba hedded b'mod ahrax tant li l-ahhar darba ddecieda li jaghmel rapport, izda dan kien qabel ma hareg id-digriet ghall-izgumbrament. Qal li dakinhar tal-izgumbrament il-marixxali riedu johorgu l-oggetti u l-ghodda ta' Charles Borg minn hemm, izda Charles Borg kien talab zmien ta' hmistax, bil-konsegwenza li l-oggetti baqghu hemm gew.

**Michael Xuereb** xehed (fol 28-31)[5] u qal li hu shab mas-Sur Chetcuti, Sandro kien cempillu u qallu li jahseb li Charles Borg qed jidhol fil-fond, u hu kien acceda personalment fuq

[4] Seduta tas-7 ta' Marzu 2019.
[5] Seduta tas-7 ta' Marzu 2019.

il-post, u ha ritratt fejn l-intimat Charles Borg jidher fuq il-post, u jidher il-bieb tal-garaxx miftuh, ir-ritratt esebit a fol 2 tal-process. Qal li ha dan ir-ritratt fid-22 ta' Ottubru 2018. Semma li dakinhar tal-izgumbrament, il-marixxali fil-11 ta' Lulju 2018, biddlu l-katnazzi, ic-cwievet il-godda haduhom il-Marixxali u esebewhom il-Qorti, li in segwitu gew f'idhom. Zied ghid li wara dakinhar tat-22 ta' Ottubru 2018, rega' ghadda minn hemm, u sa gimgha ilu, l-garaxx kien miftuh.

**In kontro-ezami** mistoqsi dwar il-kumpens li kien miftiehem li jinghata lil Charles Borg u lil ommu qal, li minn €28,000, kienu tawh €5,000, izda dakinhar diga kien beda bil-multi ghax ghandu kuntratt li jekk ma johrogx jehel elf ewro kuljum. Spjega li dejjem tawh cans sabiex johrog l-oggetti minn gol-garaxx, u wara li raw li Borg qed jaccedi ghal gol-garaxx, irreferew ghall-avukat.

**Charles Borg** xehed (fol 37 *et seq*)[6] mistoqsi dwar ir-ritratt a fol 2 tal-process, qal li hu kellu l-vettura hemm ghax ghandu bicca art mar-rikorrenti u dakinhar kien fil-garaxx fejn qalu li kissrilhom il-katnazz ta' marixxal. Semma li kellhom ftehim li jtihom ic-cwievet u jtuh l-ammont ta' €25,000. Qal li l-garaxx ghadu mimli bl-oggetti tieghu u hu lest johroghom jekk jithallas l-ammont ta' flus li kellhom ituh. Qal li hu ma kisser l-ebda serratura u kollox ghadu kif hallih il-Marixxal.

**In kontro-ezami** qal, li jiftakar li gew il-Marixxali fuq is-sit flimkien mal-Pulizija. Dwar il-garaxx li jidher miftuh fir-ritratt

[6] Seduta tal-11 ta' April 2019.

a fol 2 qal li dak tieghu dak il-garaxx. Izda mistoqsi jekk meta dakinhar li gew il-marixxali kinux biddlu c-cavetta u l-katnazz ta' dan il-garaxx qal li iva. Qal li hu kien fil-garaxx tieghu li jmiss ma' dan il-garaxx. Mistoqsi min fetah dan il-garaxx li jidher miftuh fir-ritratt a fol 2 qal, li mhux f'pozizzjoni li jghid. Qal li r-rikorrenti ma jidhlux hemmhekk peress li ma hallsuhx, qal li meta jhallsuh il-garaxx isir taghhom u jkunu jistghu jidhlu izda l ghadhom ma hallsuhx. Mistoqsi jekk hu qattx ha passi biex jigbor dawn il-flus li qed jippretendi li ghandu jiehu, qal li ma ghamel xejn. Mistoqsi jekk il-ftehim kienx li hu jaghmel sentejn gol-garaxx imbaghad ituh il-flus, izda hu dam aktar minn sentejn u ghalhekk bdiet ghaddejja penali, qal li mhuwiex minnu. Dwar iz-zewg karozzi Mercedes li jidhru fir-ritratt a fol 2 tal-process, qal, li dawk qeghdin f'idejh, igibuhomlu n-nies. Ippreciza li dawn iz-zewg vetturi jinsabu pparkjati fit-triq.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

Fil-parametri tar-rikors promotur, din il-Qorti ghandha tassigura li l-ordnijiet taghha huma obduti.

L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jesigu illi l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ta' dawk l-ordnijiet (**Vol. XXIX p II p1023**).

Illi skont l-artikolu **1003A tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta, talba simili, eccettwati naturalment dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-oltragg isir *in faciem curiae*, ghandha titressaq b'kawza

separata mir-Registratur Qrati Civili u Tribunali fuq ordni tal-Qorti. Dan l-artikolu jiddisponi:

*"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull procediment ghad-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur."*

Illi huwa pacifiku illi kawza ta' disprezz hi indipendenti minn kwalunkwe kawza ohra ("**Joseph Degaetano noe -vs- Avv. Dr. Louis Galea et noe"**, Appell Civili, 5 ta' Ottubru 1981*).*

Illi li jinteressa lil din il-Qorti huwa jekk l-intimati agixxewx bi ksur tal-ordni taghha sabiex jigi applikat l-artiklu imsemmi. Jigi ribadit ukoll li l-process ghas-sejba ta' htija li ghandu jigi prosegwit mir-Registratur huwa ta' indoli penali tant li l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha. (Ara "**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**" (A.C. 7 ta' Ottubru 1997; u "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri"** – LXXIV.iii.546).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li l-intimat kien jaf bil-mandat ta' zgumbrament in kwistjoni, ghax kien prezenti meta giet esegwita l-ordni ta' dan il-Mandat, kif ikkonfermat u korroborat mix-xhieda prodotti. Illi l-fatt li nghata permess mill-istess rikorrenti prezenti dakinhar tal-mandat biex ma jinhargux l-oggetti u l-ghodda

appartenenti lill-intimat mill-imsemmi garaxx, ma jibiddel xejn mill-esekuzzjoni u l-validita` tal-mandat.

Illi jigi precizat li l-kostatazzjonijiet taghha huma biss konstatazzjoni *prima facie* u ma jimportawx gudizzju finali liema gudizzju jispetta lill-Qorti adita bil-proceduri introdotti mir-Registratur.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li mid-dokumenti u provi prodotti, hija soddisfatta li ghandha tilqa' t-talba odjerna u tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex jipprocedi kontra l-intimat Carmel sive Charles Borg ghad-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Infatti minnkejja li kienu nbidlu l-katnazzi u c-cwievet, jidher li l-intimat Charles Borg, xorta kien baqa’ jaccedi fil-proprjeta` fejn sar l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ zgumbrament. Il-Qorti tqis, ghahekk, li hemm lok li jinbdew proceduri kontra l-intimat ghad-disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti fit-termini tal-artikolu 1003A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tichad l-eccezzjonijiet sollevati u tilqa’ t-talba kif dedotta fir-rikors, u a tenur tal-**artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**, tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jibda l-procedimenti mehtiega kontra l-intimat ghad-disprezz lejn l-Awtorita` ta’ din il-Qorti.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' April 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' April 2019**